# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Ġunju, 2022.**

**Numru 4**

**Rikors maħluf numru 144/2016/1 MCH**

**Avukat Cedric Mifsud f'isem l-assenti**
**Yuri Sergeevich Danilov**

***v.***

**Aġenzija *Identità Malta* u Ministru tal-Ġustizzja,**
**Kultura u Gvern Lokali**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2020 li laqgħet eċċezzjoni tal-konvenuta *Identità Malta* ["l-Aġenzija"] illi ma hijiex kontradittur leġittimu u ċaħdet it-talbiet tal-attur. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-attur kien għamel talba biex jingħata ċittadinanza maltija taħt ir-Regolamenti tal-2014 dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tar-

Repubblika ta' Malta, Avviż Legali 47 tal-2014 [L.S. 188.03] [1]. Għalkemm lill-attur jidhirlu li jikkwalifika biex jingħata ċ-ċittadinanza, ġie mgħarraf mill-Aġenzija b'ittra ta-27 t'Awwissu 2015 illi t-talba tiegħu "*does not meet the required criteria as established in Legal Notice 47 of 2014 … … … This application is therefore rejected*". Billi baqa' ma ngħata ebda tagħrif ieħor dwar ir-raġunijiet għala t-talba tiegħu ġiet miċħuda, u igħid illi dan in-nuqqas huwa bi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq u għal rimedju effettiv, l-attur fetaħ din il-kawża u talab illi l-qorti:

> »1. … … … tiddikjara illi l-għemil amministrattiv hawn fuq spjegat imur kontra l-artikolu 469A(1)(*a*) u (1)(*b*)(ii) u (iii) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> »2. tiddikjara illi tali għemil amministrattiv huwa null, invalidu u bla effett;
>
> »3. tordna l-aġenzija tirrevedi d-deċiżjoni tagħha *ai termini* tal-liġi u tal-prinċipji legali;
>
> »4. konsegwentement tiddikjara li kawża ta' tali għemil amministrattiv li huwa null u bla effett ir-rikorrent sofra danni;
>
> »5. tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent;
>
> »6. tordna lill-aġenzija intimata tħallas lir-rikorrent is-somma likwidata *ai fini* tar-raba' talba.«

3. L-Aġenzija ressqet eċċezzjoni, fost oħrajn, illi "mhijiex il-leġittimu kontra-dittur *ai termini* tal-artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili *stante* li l-għoti ta' ċittadinanza hija funzjoni li tispetta lill-ministru intimat".

4. B'sentenza preliminari mogħtija fis-7 ta' Lulju 2016, li minnha ma sarx appell, l-ewwel qorti ħelset lill-ministru konvenut mill-ħarsien tal-ġudizzju u l-kawża tkompliet kontra l-Aġenzija weħedha.

---

[1] L-Avviż Legali 47 tal-2014, kif sussegwentement emendat bl-Avviżi Legali 384 tal-2018 u 161 u 235 tal-2020, illum huwa mħassar bl-Avviż. Legali 437 tal-2020

5. Bis-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2020 li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti laqgħet l-eċċezzjoni illi l-Aġenzija ma hijiex kontradittur leġittimu u ċaħdet it-talbiet tal-attur. Ir-raġunijiet li wasslu għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk:

> »Eċċezzjoni li l-aġenzija mhix leġittimu kontradittur fil-kawża billi l-għoti ta' ċittadinanza hi funzjoni li tispetta tal-ministru konċernat
>
> »Hi tikkwota l-artikolu 181B tal-Kap. 12 in sostenn ta' din l-eċċezzjoni.
>
> »L-attur iwarrab din l-eċċezzjoni billi jsostni li l-proċess kollu li wassal għal ċaħda tat-talba tiegħu għal għoti ta' ċittadinanza Maltija għalih u għal familtu twettaq mill-aġenzija u kienet hi li ħadet id-deċiżjoni li minnha qed jilmenta.
>
> »… … …
>
> »Jibda biex jingħad illi l-ittra ta' rifjut għat-talba tal-attur intbagħtet lilu *tramite* l-aġent registrat mill-aġenzija fis-27 ta' Awwissu 2015 u dan għar-raġuni ġenerika li t-talba ma hix konformi mar-rekwiziti tal-A.L. 47/2014 tal-*IIP* (*Individual Investor Programme*). Għalkemm l-attur bagħat ittra uffiċjali fl-4 ta' Frar 2016 lill-aġenzija jitlob spjegazzjoni, ma ngħata ebda tweġiba.
>
> »Biex il-qorti tasal għal deċiżjoni fuq din il-kwistjoni trid titqies il-liġi nfisha *cioè* l-Kap. 188 u l-liġi sussidjarja 188.03 li tidħol fir-rekwiżiti għal talba għal ċittadinanza bħal din u dan b'referenza għat-talba magħmula *ai termini* tal-artikolu 469A tal-Kap. 12.
>
> »L-artikolu 3(1) tal-Liġi Sussidjara 188.03 magħmul b'saħħa tal-Kap. 188:
>
> > »"3. (1) B'dan huwa stabbilit programm li għandu jkun magħruf bħala "Il-Programm ta' Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta", li għandu jippermetti li tingħata ċittadinanza b'ċertifikat ta' naturalizzazzjoni lill-persuni barranin u l-familji tagħhom li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ekonomiku ta' Malta, kif provdut f'dawn ir-regolamenti."«
>
> »Ir-regolarment 4 tal-istess Liġi Sussidjara jippreskrivi l-kwalifiki u l-ħtiġijiet ġenerali biex persuna tkun applikant għaċ-ċittadinanza taħt il-programm, waqt li r-regolament 5 jippreskrivi kriterji minimi ta' eleġibilità. Ir-Regolamenti ma jagħtux jedd lil min japplika li jingħata ċ-ċittadinanza Maltija; ir-Regolamenti jistabbilixxu l-kriterji u ħtiġijiet biex persuna tkun tista' tapplika. L-aġenzija għandha l-funzjoni li tipproċessa l-applikazzjonijiet u tieħu l-informazzjoni u tagħmel verifiki ta' *due diligence* anke internazzjonalment biex eventwalment tgħaddi r-riżultat ta' dan l-ipproċessar b'rakkomandazzjoni jew opinjoni jew parir, sejħilha li trid, lill-ministru responsabbli li skont il-liġi hu esklussivament responsabbli għal għoti jew le taċ-ċertfikat ta naturalizazzjoni taħt l-Att Dwar iċ-Ċittadinanza.
>
> »Fil-fatt il-Kap. 188, *cioè* l-Att Dwar iċ-Ċittadinanza, fl-artikolu 10 jagħti dritt lil barranin li japplikaw għal naturalizazzjoni bħala ċittadin ta'

Malta jekk jissodisfaw lill-ministru li jkollhom il-kwalifiki meħtieġa. L-artikolu 19 imbagħad jgħid hekk:

> »"Il-Ministru ma jkunx meħtieg li jagħti xi raġuni għall-għoti jew għaċ-ċaħda ta' xi applikazzjoni skont dan l-Att u d-deċiżjoni tal-Ministru fuq xi applikazzjoni bħal dik ma tkunx suġġetta għal appell jew reviżjoni f'xi Qorti".

»Jidher ċar mill-provvedimenti tal-liġi illi l-proċess ta' skrutinju jsir kollu mill-aġenzija u fil-fatt twettaq il-funzjoni ta' amministrazzjoni pubblika dwar talbiet għal ħruġ ta' passaport li hi funzjoni ewlenija fil-proċess tal-għoti ta' ċittadinanza. Il-formoli kollha jġibu l-intestatura tal-aġenzija, però fost il-formoli esebiti mill-attur mar-rikors promotur li hu mela biex jissodisfa l-kriterji tal-liġi l-qorti tirreferi għal formula fejn fid-dikjarazzjoni hemm imniżżel testwalment li l-applikant qed jiddikjara li hu konsapevoli li, jekk il-ministru jaċċetta li jagħtih ċertifikat ta' natural-izzazzjoni bħala ċittadin ta' Malta, irid jieħu ġurament ta' lealtà.

»Jirriżulta mix-xiehda ta' żewġ ministri responsabbli għal dan l-investiment skont il-ligi, u senjatament il-Ministru Abela li kien il-ministru responsabbli fiż-żmien tal-applikazzjoni in kwistjoni, illi qal li għalkemm l-aħħar kelma hi tiegħu hu jara l-*file* mibgħut mill-aġenzija konċernata, l-applikazzjoni u r-rakkomandazzjoni magħmula u jidde-ċiedi dwarha. Sakemm kien responsabbli mill-ministeru konċernat bejn l-2014 u 2016 dejjem aċċetta r-rakkomandazzjoni tal-aġenzija u bagħat id-deċiżjoni tiegħu fl-affermattiv jew in-negattiv skont il-każ lill-aġenzija mingħajr ebda kjarifikazzjoni jew spjegazzjoni ulterjuri. Il-Ministru Bonnici li wkoll kien responsabbli mill-ministeru li kien jinkor-pora ċ-ċittadinanza f'ċertu żmien xehed li l-parir jew rakkomandazzjoni dwar talba kien ikun dettaljat ħafna għalkemm hu ma jkunx involut fil-ġbir tal-informazzjoni. Hu kellu d-diskrezzjoni bil-liġi li jaċċetta jew jirrifjuta l-parir għax id-deċiżjoni dwar it-talba tispetta lill-ministru bil-liġi. Hu sostna li kważi f'kull każ kien isaqsi għal xi kjarifija u jagħti d-deċiżjoni tiegħu bil-miktub lill-aġenzija.

»Joe Vella Bonnici, *chairman* eżekuttiv tal-aġenzija, xehed illi l-aġen-zija tagħti parir lill-ministru dwar rifjut jew aċċettazzjoni ta' talba għal ċittadinanza. Ladarba l-ministru responsabbli jagħti d-deċiżjoni tiegħu u jikkomunikaha lill-aġenzija, hu dmir l-aġenzija skont ir-regolamenti a bażi tal-Kap. 188 li tinforma lill-applikant bid-deċiżjoni għat-talba tiegħu skont ma jkun iddeċieda l-ministru li jinformahom bil-miktub u l-aġenzija hi obbligata issegwiha. Hu qal li l-proċess kollu ta' ġbir ta' dokumentazzjoni u skrutinju jsir mill-aġenzija bla involviment tal-ministru. Hu proċess intern tal-aġenzija. F'dan il-każ partikolari meta sar id-*due diligence* dwar l-applikant instabu raġunijiet li l-aġenzija tirrikmanda rifjut. Il-ministru ma jingħatax id-dokumentazzjoni kollha iżda r-rakkomandazzjoni u xi *supporting documents* u *sta* għall-ministru li jqis għandux bżonn xi kjarifika jew informazzjoni oħra skont il-prerogativa li għandu.

»Il-qorti hi tal-fehma illi l-liġi u x-xiehda prodotta jwasslu lill-qorti għal konkluzjoni li, għalkemm ix-xogħol amministrattiv u l-parir dwar talba għal għoti ta' ċittadinanza a bażi tal-*Individual Investor Programme* isir mill-aġenzija, hi għandha biss poteri ta' rakkomandazzjoni jew parir u taħt l-ebda ċirkostanza ma tagħti deċiżjoni, liema deċiżjoni hi fdata esklussivament f'idejn il-ministru bla ebda limitazzjoni jew kondizzjoni. Billi l-kawża saret strettament *ai termini* tal-artikolu 469A tal-Kap. 12

ma jistax jitqies li fil-limiti ta' dak l-artikolu l-aġenzija tista' titħarrek iżda għandu jkun il-ministru li jirrispondi għat-talbiet attriċi.

»… … …

»Magħdud dan kollu l-qorti ssib illi l-aġenzija ma tat ebda deċiżjoni jew rifjut għat-talba skont ma jrid l-artikolu 469A tal-Kap. 12 iżda *se mai* ikkomunikat ir-rifjut tal-ministru għat-talba tal-attur li għandu jkun il-persuna li jirrispondi għal-lanjanzi tal-attur dwar in-nuqqas tiegħu li jagħti raġuni għad-deċiżjoni tiegħu ta' rifjut tal-applikazzjoni tal-attur a bażi tal-artikolu 469(1)(*a*) u 469(1)(*b*)(ii) u (iii).

»Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti qed tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuta Aġenzija *Identità Malta* li mhix leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri kif magħmula u kwindi tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż.«

6. L-attur appella b'rikors tat-13 ta' Lulju 2020 li għalih wieġbu l-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali fis-17 ta' Lulju 2020 u l-Aġenzija fit-3 t'Awwissu 2020.

7. Fl-ewwel aggravju l-attur appellant igħid illi s-sentenza ma tiswiex għar-raġunijiet li fissirhom hekk:

»*In linea* preliminari s-sentenza denunċjata hija nulla *ai termini* tal-artikolu 789 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, peress illi l-ewwel qorti filwaqt illi laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenuta … … … li mhix leġittimu kontradittur fil-proċedura miġjuba quddiemha, hija irrespinġiet it-talbiet kollha tal-appellanti inklużi dawk fuq il-mertu mingħajr ma ikkunsidrat l-imsemmijin talbiet dwar il-mertu u dwar l-għemil amministrattiv illi jmur kontra l-artikolu 469A(1)(*a*) u (1)(*b*)(ii) u (iii) u naqset milli tirrivesti s-sentenza bl-apprezzament tagħhom skond kif preskritt fl-artikoli 218 u 219 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Filwaqt illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili ibbażat l-apprezzament tagħha unikament dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-Aġenzija *Identità Malta* illi hija ma hijiex il-leġittimu kontradittur, il-qorti għaddiet sabiex taqta' l-kawża billi tiddeċiedi illi tiċħad anke t-talbiet dwar il-mertu u dan mingħajr ma għamlet il-kunsiderazzjonijiet neċessarji.

»Għaldaqstant l-ewwel qorti f'dan il-każ ma kellhiex tiċħad it-talbiet tal-appellanti iżda jekk xejn peress illi laqgħet l-eċċezzjoni preliminari tal-aġenzija appellata hija kellha tastjeni milli tiddeċiedi fuq l-eċċezzjonijiet dwar il-mertu peress illi ma kienet għamlet l-ebda konsiderazzjonijiet dwar dan.

»*Inoltre* s-sentenza *ai termini* tal-artikolu 789 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, is-sentenza hija nulla *stante* illi d-data mniżżla bħala d-data tas-sentenza hija dik tal-25 ta' Ġunju 2016 meta effettivament is-sentenza ġiet mogħtija fil-25 ta' Ġunju 2020.«

8. Tassew illi, fin-nuqqas ta' kontradittur leġittimu biex jikkontesta t-talbiet tal-attur, il-qorti ma setgħetx tqis it-talbiet u, la ma setgħetx tqishom, la setgħet tilqagħhom u lanqas tiċħadhom. Tgħid ħażin l-Aġenzija illi "l-qorti ma kienx għalhekk fadlilha ħlief li tiċħad it-talbiet". Dan iżda ma jwassalx għan-nullità tas-sentenza iżda *se mai* għar-riforma tagħha fis-sens li, flok jiġu miċħuda t-talbiet, l-Aġenzija tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju.

9. L-argument imbagħad li d-data murija fuq is-sentenza hija ħażina huwa wieħed fieragħ.

10. Il-kopja uffiċjali, iffirmata, tas-sentenza turi d-data korretta tal-25 ta' Ġunju 2020, meta fil-fatt ngħatat. Jekk fuq il-kopja informali li ngħatat lill-attur hemm data ħażina dan ma jwassal għal ebda nullità, għax li jiswa hija l-kopja uffiċjali u mhux dik informali tas-sentenza li tingħata lill-parti għall-konvenjenza tagħha biex, jekk jidhrilha, tkun tista' tibda taħdem minnufih fuq l-appell.

11. Barra minn hekk, ukoll likieku kien hemm data ħażina, dan ma jwassalx għan-nullità tas-sentenza għax l-art. 175(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jippermetti li ssir korrezzjoni fid-data tas-sentenza appellata.

12. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

13. It-tieni aggravju jolqot il-meritu tad-deċiżjoni, u ġie mfisser hekk:

> »L-appellanti ma jaqbilx mat-teżi tal-ewwel qorti *stante* illi l-Aġenzija *Identità Malta* tieħu ħsieb il-proċess ta' applikazzjoni taħt il-Programm tal-Invesitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta mill-bidu sal-aħħar u tkun hi illi tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tagħha lill-ministru u dan tal-aħħar sempliċiment jagħti s-siġill tiegħu dwar l-applikazzjoni. *Ai termini* tal-artikolu 26 u r-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubbli-

ka, Kapitolu 595 tal-Liġijiet ta' Malta, wieħed jista' jara illi l-aġenzija intimata hija responsabbli minn programmi individwali ta' investiment.

»*Inoltre* fl-artikolu 3 tal-Ordni li jwaqqaf l-Aġenzija *Identità Malta* (Liġi Sussidjarja 595.07) l-aġenzija intimata għandha twettaq il-funzjonijiet u dmirijiet tal-amministrazzjoni pubblika f'numru ta' materji, fosthom:

> »"(*a*) ċittadinanza, viżi, permessi ta' residenza, permessi ta' xogħol u materji amministrattivi oħrajn li jkollhom x'jaqsmu ma' barranin;
>
> »"… … …
>
> »"(*g*) programmi individwali ta' investiment għal barranin jew għal persuni li jakkwistaw ċittadinanza Maltija, inkluż l-amministrazzjoni ta' fondi li jkunu ġejjin minn dawk il-programmi."

»*Ioltre* jekk wieħed jagħmel analiżi tal-provvedimenti tar-Regolamenti tal-2014 dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta *ai termini* tal-Avviż Legali 47 tal-2014 hija dik l-awtorità pubblika illi għandha r-responsabbiltà ta' dan ii-proċess u illi finalment toħroġ id-deċiżjoni. Filfatt skond regolament numru 7 tal-imsemmi A.L. 47 tal-2014 hija l-aġenzija intimata illi tirċievi l-applikazzjoni, teżamina d-dokumenti, tagħti r-rakkomandazzjoni tagħha lill-ministru u finalment toħroġ id-deċiżjoni illi biha tinforma lill-applikant partikolari.

»*Inoltre* f'każ ta' applikazzjoni illi tkun ġiet approvata fil-prinċipju, ir-rwol tal-*Identità Malta* jkompli fis-sens illi a kuntrarju ta' dak illi qiegħed jiġi allegat minnha jkun il-ministru illi jimxi mal-ordnijiet tagħha u mhux viċe-versa. In fatti *ai termini* tas-subinċiz (8) tar-regolament numru 7 ġaladarba jsiru l-ħlasijiet dovuti mill-applikant tkun l-Aġenzija *Identità Malta* illi tgħarraf lill-ministru sabiex joħroġ iċ-ċertifikat ta' natural-izzazzjoni.

»*Inoltre Identità Malta* hija saħansitra bl-obbligu illi toħroġ linji gwida dwar il-proċedura ta' dawn ir-Regolamenti u dan mingħajr il-ħtiega ta' xi ordni jew approvazzjoni maħruġa min-naħa tal-ministru:

> »"11. *Identità Malta* għandha, minn żmien għal żmien, toħroġ linji gwida ta' proċedura, sabiex tispeċifika l-aspetti operattivi u inter-pretazzjonijiet taħt dawn ir-Rregolamenti".

»Mix-xiehda prodotta matul dawn il-proċeduri huwa ampjament ċar illi l-involviment tal-ministru huwa minimu f'dan il-proċess sħiħ. Dan jirriżulta mix-xiehda tal-onorevoli Ministru Carmelo Abela … illi fiż-żmien illi ħarġet id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tar-rikorrent kien jokkupa l-kariga tal-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali u illi kien responsabbli mill-Aġenzija *Identità Malta*. Huwa qal illi huwa dejjem mexa mar-rakkomandazzjoni ta' *Identità Malta* u qatt ma uża d-diskrezzjoni tiegħu. Huwa stqarr illi kien sempliċiment jara illi l-Agenzija *Identità Malta* kienet imxiet mal-proċedura skont il-liġi u mbagħad jimxi mar-rakomandazzjoni.

»L-onorevoli Ministru Carmelo Abela saħansitra ikkonferma illi fil-komunikazzjoni illi huwa kien jibgħat lura lil *Identità Malta* huwa ma kienx jagħti xi tip ta' raġunijiet iżda kien sempliċiment jinfurmahom illi kien qiegħed jaqbel mar-rakkomandazzjoni tagħhom. Dan il-fatt ġie anke kkonfermat mill-onorevoli Ministru Owen Bonnici illi għal żmien

ukoll kien responsabbli minn *Identità Malta* ukoll ikkonferma illi l-proċess kienet tieħu ħsiebu l-Aġenzija *Identità Malta*.

»*I*noltre, jekk wieħed iqis ix-xiehda tas-sur Joseph Vella Bonnici u kif ukoll is-Sur Jonathan Cardona jirriżulta illi l-aġenzija intimata kienet dik l-awtorità pubblika illi ħadet ħsieb il-proċess sħiħ u għaldaqstant ma tistax f'dan l-istadju tinħeba wara l-fatt illi l-ministru kien jagħti daqqa ta' firma fil-pass finali tal-proċess sħiħ u liema firma kienet tkun ibbażata fuq ir-rakomandazzjoni illi huma stess ikunu tawh, u għal-daqstant din l-eċċezzjoni preliminari tal-aġenzija intimata għandha tiġi miċħuda.«

14. Fiż-żmien relevanti l-artt. 10(9) u 19 tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija ["Kap. 188"] kienu jgħidu hekk:

»**10.** (9) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan jew ta' kull Att ieħor, il-Ministru jista' jagħti ċertifikat ta' naturalizzazzjoni bħala ċittadin ta' Malta:

»(*a*) … … …;

»(*b*) lil kull persuna li tkun applikant, jew hi konjuġi jew hi xi dipendenti eliġġibli ta' dak l-applikant, taħt il-programm tal-investitur individwali tar-Repubblika ta' Malta, u tisso-disfa l-ħtiġiet kif preskritti taħt dan l-Att:

»… … …

»**19.** Il-Ministru ma jkunx meħtieġ li jagħti xi raġuni għall-għoti jew għaċ-ċaħda ta' xi applikazzjoni skont dan l-Att u d-deċiżjoni tal-Ministru fuq xi applikazzjoni bħal dik ma tkunx suġġetta għal appell jew reviżjoni f'xi qorti.«

15. Ir-reg. 3(2)(*a*) tal-Ordni li jwaqqaf l-Aġenzija *Identità Malta* ["L.S. 595.07"] kien igħid illi fost dmirijiet oħra l-aġenzija għandha:

»tassisti lill-Ministru minn żmien għal żmien responsabbli għal materji li jkollhom x'jaqsmu ma' ċittadinanza Maltija fl-eżekuzzjoni tad-dmirijiet u funzjonijiet tiegħu taħt l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija«.

16. Dawn id-disposizzjonijiet tal-liġi juru illi d-deċiżjoni jekk tingħatax iċ-ċittadinanza hija tal-ministru, u li r-rwol tal-Aġenzija huwa biss dak li "tassisti" lill-ministru.

17. Dak li jiġi impunjat taħt l-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Pro-ċedura Ċivili hija d-deċiżjoni u mhux ir-rakkomandazzjoni jew ix-xogħol ta'

tħejjija amministrattiv li jwasslu għal dik id-deċiżjoni, u li min għandu s-setgħa li jiddeċiedi għandu wkoll is-setgħa jagħżel li joqgħod jew li ma joqgħodx fuqhom. Fil-każ tallum huwa l-ministru li ddeċieda li t-talba tal-attur ma jilqagħhiex. Huwa rrelevanti li biex għamel hekk qagħad fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Aġenzija, u ma jibdel xejn il-fatt illi l-attur għażel li jgħid li dak li għamel il-ministru kien illi "sempliċiment jagħti s-siġill tiegħu". Id-deċiżjoni f'dak is-siġill qiegħda u mhux f'dak li wassal biex ingħata s-siġill.

18. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

19. It-tielet u r-raba' aggravji huma essenzjalment ripetizzjoni tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju. Fis-sustanza t-tielet aggravju jgħid illi "kif ġie eċċepit iżjed 'il fuq, l-ewwel qorti fis-sentenza tagħha għaddiet sabiex tiċħad it-talbiet dwar il-mertu mingħajr ma għamlet apprezzament xieraq ta' dawn it-talbiet" u wkoll, fir-raba' aggravju, jingħad illi l-ewwel qorti "għaddiet sabiex tiċħad it-talba għad-danni … mingħajr ma għamlet apprezzament ċar tal-meritu ta' din il-kawża".

20. "Apprezzament xieraq" tat-talbiet jista' jsir biss fil-kuntest ta' kontestazz-joni ma' min għandu l-leġittimazzjoni passiva biex jikkontestahom. Ma jagħmilx sens tagħmel apprezzament ta' talbiet magħmulin kontra Tizju meta min hu leġittimat li jikkontestahom huwa biss Sempronju.

21. Bir-riserva illi l-konklużjoni kellha tkun il-ħelsien tal-Aġenzija mill-ħarsien tal-ġudizzju u mhux iċ-ċaħda tat-talbiet, dawn l-aggravji wkoll għandhom jiġu miċħuda.

22. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fejn laqgħet l-eċċezzjoni ta’ nuqqas ta’ leġittimazzjoni passiva tal-Aġenzija u tħassarha fejn ċaħdet it-talbiet u, minflok, teħles lill-istess konvenuta mill-ħarsien tal-ġudizzju.

23. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif deċiżi mill-ewwel qorti; dawk tal-appell jinqasmu hekk: disa’ ishma minn għaxra ($^{9}/_{10}$) jħallashom l-attur; sehem wieħed minn għaxra ($^{1}/_{10}$) tħallsu l-Aġenzija.

Giannino Caruana Demajo
President

Tonio Mallia
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm